MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 52/2018

Il-Ġimgħa 24 t' Awwissu 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

52.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier Christian Cassar ser jattendi għal-laqgħa iżda ser jiġi ftit tard filwaqt li ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba kienet skużata. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġiji.

### 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

52.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 50/2018 u bin-nru. 51/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

52.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

52.2.3 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba staqsa dwar il-korrezzjoni tal-minuti li għamel il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina fil-minuti 50.2.3 meta kien qed jirreferi għall-minuti 49.6.14. Chev Carmelo Saliba staqsa lill-Vici Sindku dwar xi skop kellu wara din il-korrezzjoni għax b'li għamel ried jitfa' dell ikrah fuqu mal-individwu. Il-Viċi Sindku wieġeb li hu ġie avviċinat minn persuna li kien hu li talab għall-kwotazzjonijiet oħra dwar il-kors tal-arti meta dan ma kienx minnu u għalhekk ried jiċċara dan fil-minuti. Chev Carmelo Saliba qal li bil-kliem żejjed u mhux meqjus li qed jingħad mill-Viċi Sindku qed jintilef ħafna ħin prezzjuż għall-ġid tal-lokal.

52.2.4 Rigward il-minuti 51/2018, il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba talab biex kemm l-istqarrija tal-Ministru għal Għawdex kif ukoll l-istqarrija li kienet qed tagħmel referenza għaliha l-Ministru, jiġifieri l-istqarrija tal-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina, tiġi mehmuża mal-istess minuti. Kien hemm qbil dwar dan.

52.2.5 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

52.3.1 Is-Sindku ndirizza lill-membri tal-Kunsill u wera d-dispjaċir tiegħu dwar l-argument li nqala' bejn il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Chev Carmelo Saliba aktar kmieni waqt il-laqgħa. Is-Sindku qal li l-membri għandhom ikunu maturi u responsabbli biżżejjed għall-azzjonijiet tagħhom u l-konsegwenzi li jġibu magħhom u mhux l-ewwel jagħmlu l-azzjoni mbagħad jgħabbu lis-Sindku bir-responsabilita'.

52.3.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li jrid jiġi maħtur il-bord tal-evalwazzjoni għas-sejħa tal-offerti għas-servizz ta' ġbir ta' *bulky refuse* fiż-Żebbuġ u Marsalforn. Il-membri qablu li jaħtru lil: Chaiperson: Is-Sur Nicky Saliba, Segretarju: Is-Sur Ryan Debrincat, Avukat: Dr Joshua Grech, Accountant: Is-Sur Daniel Galea, Tekniku: Is-Sur William Sultana.

52.3.3 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv mal-President ta' Malta dwar attivitajiet mill-Kunsilli Lokali biex jinġabru l-flus għall-MCCF. Is-Sindku ppropona li f'Diċembru ssir 'Żebbuġ by candle light'. Il-membri qablu ma dan is-suġġeriment u ser tkompli d-diskussjoni dwar dan fil-laqgħat li ġejjin.

52.3.4 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar ittra legali li l-Kunsill irċieva mingħand Green MT, l-iskema li tiġbor l-iskart riċiklat u li tagħti servizz ta' bring-in sites fil-lokalita' taż-Żebbuġ. Fl-ittra kien hemm miktub li Green MT ser tieqaf tagħti s-servizz kif kienet qed tagħti lill-Kunsill sa issa u mill- 1 ta' Settembru 2018 ser tiġbor biss il-borża l-griża darba fix-xahar. Servizz ieħor li l-Kunsill jixtieq ser ikun bi ħlas. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li jittieħed parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan peress li skont il-liġi ta' dawn l-iskemi, dan is-servizz għandu jibqa' jingħata lill-Kunsill bla ħlas speċjalment fil-każ tal-Kunsill l-kuntratt validu sad-9 ta' Jannar 2019.

52.3.5 Is-Sindku rringrazzja lil kull min ta sehem fil-festa tar-raħal u tal-koperazzjoni mal-għaqdiet tal-festa tal-lokal biex saret il-festa b'suċċess. Irringrazzja speċjalment lill-Arċipriet Fr Rueben Micallef tal-koperazzjoni u x-xogħol li tirrikjedi din il-festa u rringrazzjah tax-xogħol imprezzabbli li għamel fil-komunita' f'dawn l-aħħar tnax-il sena kemm ilu jmexxi din il-parroċċa. Irringrazzja lir-residenti taż-Żebbuġ u Marsalforn li attendew bi ħġarhom għall-attivitajiet tal-festa u tal-kontribut finanzjarju li jagħtu sabiex setgħet issir festa ta' livell għoli ħafna u talab lir-residenti sabiex minn issa nerġgħu nibdew

naħsbu għall-festa li jmiss. Is-Sindku qal ukoll li hemm affarijiet x'wieħed jista' jirranġa u hu lest jisma' kull suġġeriment li wieħed jixtieq iressaq. Huwa semma l-problema tat-traffiku fil-jiem tal-festa u qal li din is-sena apparti l-pulizija, il-Kunsill ħa ħsieb li jħallas għal servizz minn Transport Malta iżda appella għal aktar preżenza tal-Pulizija f'attivitajiet bħal dawn speċjalment is-Sibt tal-festa fejn kien hemm attendenza numeruża u qal li dan mhux għax kien involut direttament hu iżda kulħadd faħħar il-preżenza qawwija tan-nies f'din il-ġurnata speċjalment in-negozji. Is-Sindku faħħar ukoll lill-ħaddiema li ħadu ħsieb it-tindif fit-toroq tar-raħal li taw servizz tajjeb ħafna u ma kienx hemm ilmenti dwar dan. Is-Sindku għalaq il-messaġġ tiegħu dwar il-festa fejn stieden lill-Kunsilliera preżenti jwasslu l-messaġġ tagħhom u appella sabiex l-għaqdiet tal-lokalita' iżommu mal-ftiehem li kien sar qabel il-festa dwar il-pagamenti tal-attivitajiet li huma kkollaboraw mal-Kunsill Lokali.

52.3.6 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina ingħaqad mal-messaġġ tas-Sindku u rringrazzja lill-għaqdiet tar-raħal kif ukoll lill-Arċipriet tax-xogħol li għamlu biex il-festa setgħet issir b'suċċess. Irringrazzja wkoll lill-poplu Żebbuġi tal-attendenza tagħhom. Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment dwar it-trasport pubbliku u qal li meta tal-linja tasal sa ħdejn iċ-ċimiterju biss minħabba l-attivitajiet li jkun hemm, għandu jsir *park and ride* fil-ġranet kollha u mhux is-Sibt tal-festa biss.

52.3.7 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba ingħaqad mal-messaġġ tas-Sindku u wera apprezzament li l-parroċċa rringrazzjat lill-Kunsill Lokali tas-sehem tiegħu fil-festa speċjalment għas-servizz tal-*live streaming* li f'ħinijiet minnhom kien hemm madwar 6000 persuna ssegwi dan is-servizz. Chev Carmelo Saliba qal li huwa ta' sodisfazzjoni kbir li proposta mressqa minnu bl-appoġġ tal-Kunsill kollu wassalna l-festa fid-djar tan-nies li ma setgħux ikunu preżenti. Huwa saħaq li bħala membri tal-Kunsill għandna nesponu affarijiet sbieħ bħal dawn fuq il-mezzi soċjali li jagħtu ġieh lill-lokalita' u mhux affarijiet negattivi. Chev Carmelo Saliba semma t-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel tal-festa u qal li din is-sena saret fil-kwindiċina u kienet suċċess, huwa qal li għandha tinżamm din id-data ta' kull sena. Rigward it-tiġrija tradizzjonali huwa semma li minħabba attivita' oħra li saret qabel, l-organizzaturi ta' din l-attivita' marru fuq l-istess sponsors li s-soltu jirreklamaw fit-tiġrija tradizzjonali u b'hekk fit-tiġrija tradizzjonali tal-festa ma rreklamawx. Chev Carmelo Saliba wera d-diżappunt tiegħu għal dan u qal li min kellu l-iskop li jħassar biex it-tiġrija taż-żwiemel ma tirnexxix għarrielu għax kienet suċċess. Rigward il-problema tat-traffiku, Chev Carmelo Saliba qal li kieku l-proposti tiegħu jingħataw widen mill-Gvern

Ċentrali u Triq ta' Ċenċ titwessa filwaqt li Triq iċ-Ċnus tesporġi għal Triq il-Ponta, din il-problema tissolva. Huwa wera solidarjeta' mas-sezzjoni żgħażagħ fi ħdan is-Soċjeta Filarmonika Santa Marija fejn sar att vandalu minn xi ħadd u qata' l-ħabel tal-arblu l-kbir. Talab għal aktar sigurta' u ronda mill-pulizija speċjalment fil-jiem tal-festa. Chev Carmelo Saliba qal li hemm indikazzjonijiet li ser ikun hemm tibdil fl-arċipriet tar-raħal u ppropona li jekk iseħħ dan, Ġieh iż-Żebbuġ 2019 għandu jingħata lil Fr. Rueben Micallef. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

52.3.8 Is-Sinjura Sandra Grech bdiet il-messaġġ tagħha billi kkundannat l-att vandalu fuq l-arblu l-kbir ħabba l-għira ta' xi wħud li twassal għall-affarijiet bħal dawn. Hija ferħet lis-sezzjoni żgħażagħ fi ħdan is-Soċjeta Filarmonika Santa Marija tar-records li kisbu fil-festa mill-Malta Records. Is-Sinjura Sandra Grech irringrazzjat lil kulħadd tal-ħidma li wettqu fil-jiem tal-festa u qalet li kien ta unur kbir li saret festa kbira u ta' suċċess.

52.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Christian Cassar (li kien għadu kif wasal għal-laqgħa minħabba t-traffiku għall-vapur lejn Għawdex - 6.30pm) irringrazzja u faħħar lil dawk kollha li kienu involuti fil-festa.

## 52.4 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: April 2018 – Ġunju 2018;

52.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur minn April 2018 sa Ġunju 2018. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport li fih deher li l-FSI ta' dan il-perjodu qiegħed fil-firxa ta' kif mitlub mid-dipartiment. Madanakollu s-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li tlesta dan ir-rapport il-Kunsill irċieva xi fatturi ta' xi xogħol li kien sar u mhux imniżżel f'dan ir-rapport. Huwa qal li b'dawn il-fatturi l-Kunsill mhux qiegħed f'qagħda finanzjarja kif mixtieq u talab għall-attenzjoni fil-proposti mressqa mill-Kunsilliera minħabba dan.

52.4.2 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: April 2018 – Ġunju 2018 ġie approvat unanimament minn dawk preżenti.

## 52.5 Ir-Rapport tal-Bord tal-Għażla għall-post ta' Uffiċċjal Eżekuttiv (Skala 13);

52.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-għażla lill-Kunsill. Kien

hemm applikazzjoni waħda li kienet valida.

52.5.2 Ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-għażla hija li l-post ta' Uffiċċjal Eżekuttiv *full-time* (skala 13) jingħata lil Ms Joanne Grima.

52.5.3 Il-Kunsill aċċetta r-rakkomandazzjoni ta' dan il-Bord u għaldaqstant il-Kunsill ħatar lil Ms Joanne Grima, ID Nru. 502585M u residenti 8, Triq il-Bennejja, Xewkija Għawdex, bħala Uffiċċjal Eżekuttiv Full-Time (Skala 13).

52.5.4 Din ir-rakkomandazzjoni ġiet approvata unanimament.

## 52.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

50.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Tintbagħat reminder lill-Perit dwar stima biex isir l-isqaq fi Triq il-Ponta u jivverifika li hu sqaq pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv reġa ġibed l-attenzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.
- Jitranġa l-ħajt tas-sejjieħ li waqa' fi Triq ta' Tutijiet. Kien hemm qbil li ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex permezz tas-sistema l-ġdida tagħhom.
- Jinqata' l-ħaxix fi Triq taċ-Ċaqra. Kien hemm qbil dwar dan.
- Jinżebaħ nofs il-fanal fi Triq l-Lampuka minħabba li qed idejjaq lir-resident li joqgħod hemm. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.
- Jitranġaw u jinżebgħu il-bankijiet tal-injam fi Triq Lampuka u fi Triq il-Knisja. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.
- Isiru *roadmarkings SLOW* u *speed limit 30* fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.
- Titranġa t-tinda tal-boċċi tal-qbajjar. Hawn is-sindku qal li jeħtieġ li ssir riċerka jekk il-post hux pubbliku jew le filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv reġa' għal darb'oħra ġibed l-attenzjoni tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

52.6.2 Il-Kunsillier Christian Cassar staqsa dwar iż-żewġ fanali li mhux jixegħlu fi Triq Ġoma. l-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn diġa' rrapurtati u ser jerġa' jibgħat *reminder* lill-kuntrattur.

52.6.3 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba ressaq dawn il-punti:

- Tintbagħat email lill-Perit dwar l-iżviluppi fil-permess tal-*Planning Authority* fuq il-passaġġ t'Abram. Kien hemm qbil dwar dan.
- Jitressaq suġġeriment lill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn dwar

- il-ħsarat fis-sistema tad-dwal fi Triq id-Duluri kif ukoll sabiex jiġi rrestawrat it-taraġ li mill-għassa tal-Pulizija jagħti għal fuq iz-zuntier tal-Knisja.
- Tintbagħat *reminder* lill-Ministeru għal Għawdex biex jitranġaw it-turġien li jagħtu għall-bajja tal-Qbajjar u għall-bajja tax-Xwejni. Kien hemm qbil dwar dan.
- Biex issir ħarġa kulturali għar-residenti fl-14 ta' Settembru 2018. Kien hemm qbil dwar dan.

52.6.4 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar il-possibilta' li ssir *ATM* tal-bank BOV fiż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li xi żmien ilu kien diġa' prova jagħmel dan iżda l-bank irrifjuta t-talba tiegħu bħala sindku.

52.6.5 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet ukoll dwar ix-xogħol li kellu jsir fuq ir-*railings* ta' Triq Oniċi u Sqaq Anton Mallia. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li x-xogħol kien ordnat wara li ħarġet sejħa għall-offerti s-sena l-oħra u l-kuntrattur qiegħed jimmanifattura dan ir-*railing* wara li sar kuntatt miegħu ftit taż-żmien ilu.

## 52.7 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

52.7.1 Ċirkulari AKL 2018/079 – Faculty for Social Wellbeing. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.2 Ċirkulari AKL 2018/080 – Preżentazzjonijiet mill-Entitajiet mistiedna waqt il-laqgħa Plenarja 07/07/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.3 Ċirkulari AKL 2018/081– Pendenzi WSC. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.4 Ċirkulari AKL 2018/082 – Talba għall-approvazzjoni ta' tabelli (No Parking) minn Transport Malta skont il-permess maħruġ mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.5 Ċirkulari AKL 2018/083 – Stqarrija għall-istampa – Laqgħa Plenarja 07/07/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.6 Ċirkulari AKL 2018/084 – Call for applicants – youth delegates 36th and 37th Congress sessions. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.7 Ċirkulari AKL 2018/085 – Application call: 2021 European Green Capital Award Competition. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.8 Ċirkulari AKL 2018/085(b) – Preżentazzjoni u Noti li ġew ippreżentati waqt is-sessjoni informattiva fuq l-Evalwazzjoni ta’ tenders fuq l-EPPS. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.9 Ċirkulari AKL 2018/086 – Kumitat ta’ Azzjoni – LCA/PA/BRO/MDA/TM. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.10 Ċirkulari AKL 2018/087 – Aħbar tal-mewt tas-Sinjura Grace Grima, omm il-mara tas-Sur Joseph Attard, Kunsillier mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.11 Ċirkulari AKL 2018/088 – Aħbar tal-mewt tas-Sur Joseph Demicoli, l-ewwel ex-Sindku mal-Kunsill Lokali ta’ Pembroke. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.12 Ċirkulari AKL 2018/089 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 9. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.13 Ċirkulari AKL 2018/090 – Aħbar tal-mewt ta’ Carmen Said, ex-Sindku u Kunsillier fil-Kunsill Lokali il-Munxar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.14 Ċirkulari AKL 2018/091 – Servizz ta’ qbid ta’ ħamiem selvaġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.15 Ċirkulari AKL 2018/092 – Tabelli “No Parking Tow Away Zone” maħruġa mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.16 Ċirkulari AKL 2018/093 – Kunsilli Lokali li mhumiex reġistrati fl-eApps tal-Planning Authority. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.17 Ċirkulari AKL 2018/093(b) – Food Safety requirements for stalls serving food during crowd pulling events. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.18 Ċirkulari AKL 2018/095 – Dettalji tal-Kuntratturi mqabbda mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.19 Ċirkulari AKL 2018/096 – Aħbar tal-mewt tal-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fil-Kunsill Lokali Pembroke. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.20 Ċirkulari AKL 2018/097 – EMW Grant for Permanent Sustainable Mobility Measures. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.21 Ċirkulari Numru SPI 9/2018 – Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Libreriji Lokali/Reġjonali

52.7.22 Ċirkulari Numri SPI 10/2018 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.23 IPS *Circular No*. 5/2018 – Sponsorship to attend International Events. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.24 Extension of IPS Circulars 02/2018, 04/2018 and 08/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.25 Euaffairs at Local Government – Parteċipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.26 Wasteserv – The Local Council & its participation in the week for waste reduction. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.27 MFCS Parl Sec – Premju Anzjanita Attiva. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.28 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Reġjun Għawdex bi proposta għall-Karnival Reġjonali ta' Għawdex 2019. Il-proposta kienet li l-Karnival fil-lokalitajiet f'Għawdex isir ġimgħa qabel il-Karnival organizzat fir-Rabat Għawdex sabiex ma jtellifx il-konkorrenza fil-Karnival tar-Rabat Għawdex u ma jkunx hemm Karnival f'aktar minn lokalita' waħda fl-istess ħinijiet. Il-membri tal-Kunsill ma qablux ma din il-proposta u ġie deċiż li jibqa jsir fl-istess ġurnata u ħin. Huma qalu li dan qatt ma kien fl-istess ħinijiet tal-Karnival tar-Rabat f'Għawdex. Il-membri qalu li din l-attivita' titħallas kollha mill-Kunsill għalhekk għandu jiddeċiedi meta u x'ħin issir l-istess Kunsill.

52.7.29 Il-Kunsill irċieva kopja tal-korrispondenza mir-Reġjun Għawdex li ntbagħtet lill-Ministru tal-Ambjent l-Onor. Jose Herrera, lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u

Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonniċi, lill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Justyne Caruana u lis-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali Silvio Parnis dwar is-sitwazzjoni prokkupanti tal-iskart ġewwa Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52.7.30 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ReFab Textile Recycling sabiex isir l-iffirmar tal-kuntratt għal dawn il-kontenituri u dwar il-possibilta' li l-Kunsill iżid kontenitur ieħor minħabba d-domanda mir-residenti. Il-Kunsill qabel li jiġi ffirmat dan il-kuntratt u jiżdied kontenitu ieħor ħdejn il-bandi tal-Virtut.

52.7.31 Il-Kunsill irċieva lment mis-Sur Mario Saliba dwar l-istat t'abbandun tal-batterija u l-madwar fil-Qbajjar. Il-membri qablu li din il-korrispondenza tintbagħat lil Heritage Malta u lil Wirt Għawdex.

52.7.32 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Ms Denise Bigeni dwar siġra tal-Ħarrub fi Triq Ta' Tutijiet li l-frieghi tagħha qed jidħlu ġol-propjeta tagħha. Hija bagħtet ukoll il-permess tal-ERA sabiex din tinżabar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li wara li tkellem mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ingħata l-parir sabiex Ms Denise Bigeni tinforma lis-sid tal-għalqa fejn hemm is-siġra imħawla u jekk għandha xi periklu tinforma lill-Pulizija. Dan għaliex is-siġra qiegħdha mħawla ġol-privat. Ms Denise Bigeni ġiet infurmata dwar dan. Il-membri preżenti nnutaw dan.

52.7.33 Applikazzjonijiet tad-Divertiment:

- Alessandro Ciappo obo I Toscani – Band – I Toscani Restaurant, Qbajjar Marsalforn – 2nd, 6th, 9th, 13th, 16th, 20th, 23rd, 27th, 30th September 2018 – Approvata;
- Joe Zahra obo Żebbuġ Rovers Bar & Grill – Band – 24/08/2018 – Approvata;
- Manuel Attard obo Għaqda Armar San Ġorġ – Social Event – Triq il-Batterija, il-Qbajjar – 30/08/2018 – Approvata;
- Joe Zahra obo Deryk Sacco obo Kempinski Hotel San Lawrenz – Social Event – Triq il-Batterija, il-Qbajjar – 26/09/2018 – Approvata;
- Charlene Grima obo Reaching Cambodia Foundation – Social Event – Triq il-Batterija, il-Qbajjar – 26/08/2018 – Approvata.

Il-Kunsill saħaq li l-permessi huma approvati mill-Kunsill bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill u ma jkunx hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Pulizija.

52.7.34 Ilment 35/2018 – D.W. Treble
Jitlob biex jerġgħu jitqassmu l-boroż il-griżi tar-riċiklaġġ. Il-Kunsill qiegħed f'diskussjonijiet dwar dan is-servizz mal-iskema u bħalissa mhux ser iqassam boroż griżi.

52.7.35 Ilment 36/2018 – M.M. Galea Enriquez
Titlob biex isiru *double yellow lines* quddiem l-entratura ta' *Diego Court* fi Triq il-Lampuka. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

52.7.36 Ilment 37/2018 – G. Cini
Jilmenta biex jitnaddaf il-culvert ta' quddiem 'Point View' Triq il-Ponta, Żebbuġ. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li diġa' bagħat korrispondenza lid-dipartiment tax-xogħlijiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar dan u qed nistennew risposta peress li s-soltu dan ix-xogħol isir minnhom.

52.7.37 Ilment 38/2018 – G. Zammit
Jitlob biex isiru double yellow lines fi Triq Ġoma jew inkella ssir one way. Kien hemm qbil mill-membri li dan ma jsirx filwaqt li l-membri nnutaw li kieku hemm aċċessibilta' minn Triq iċ-Ċnus għal Triq il-Ponta ma' jkunx hemm problemi f'din it-triq.

52.7.38 Ilment 39/2018 – D. Treble
Jilmenta li hemm wisq qtates fi Triq il-Lampuka jiġru fit-triq u dawn qed jikkawżaw ħafna ħmieġ peress li jqattgħu l-boroż tal-iskart. Kien hemm qbil mill-membri li għalkemm kemm il-darba l-Kunsill ġibed l-attenzjoni, dan l-ilment jerġa' jintbagħat lil Animal Welfare.

52.7.39 Ilment 40/2018 – C. Vella
Jitlob sabiex jiżdiedu żewġ bus stops faċċata ta' xulxin fi Triq iż-Żebbuġ. Kien hemm qbil mill-membri li ssir talba lil Transport Malta.

52.7.40 Ilment 41/2018 – C. Vella
Jitlob biex jitpinġew sinjali STOP fit-tarf ta' Triq San Mikiel k/m Triq Skapuccina. Kien hemm qbil mill-membri li ssir talba lil Transport Malta

52.7.41 Ilment 42/2018 – M. Cini
Titlob biex titwessa l-bankina wisa' li tgħaddi wheelchair biex tkun tista' toħroġ u tidħol mid-dar fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri. Kien hemm qbil mill-membri

preżenti biex isir rapport mill-Perit dwar dan peress li l-bankina ser toħroġ il barra mil-linja tat-triq jekk issir.

52.7.42 Ilment 43/2108 – D. Cefai
Tixtieq tgħaddi suġġeriment biex fil-15 ta' Settembru 2018 issir l-attivita' li ssir kull sena biex jinġabru fondi għal Puttinu Cares bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li l-Kunsill jordna s-servizz ta' *Enforcement officers* minn Transport Malta, jissuplixxi tifkiriet tal-okkażjoni għall-parteċipanti tal-*car show*, *bouncing castle* għat-tfal preżenti, kif ukoll *generator* għas-sistema tad-dawl. Stima ta' madwar €650.

52.7.43 Ilment 44/2018 – S. Aquilina
Jilmenta dwar it-tabella biex ma jarmux żibel li qiegħdha ħdejn *bus stop* Onici biex titwaħħal ma' kanna u ssir bil-Malta kif ukoll bl-Ingliż. Kien hemm qbil dwar dan.

52.7.44 Ilment 45/2018 – A. Borg
Titlob kjarifika rigward jekk il-bajja ta' quddiem il-Horizon Restaurant jistgħux jgħumu klieb fiha jew le. Dan wara li ġiet infurmata minn uffiċċjal tal-Ministeru li jistgħu jgħumu klieb hemmhekk iżda meta marret hemm sabet it-tabelli tal-Kunsill 'No Dogs Allowed'. Is-Sindku wieġeb li fi żmien is-Segretarju Parlamentari Rodrick Galdes, kien ħareġ avviż mingħajr ma kkonsulta xejn mal-Kunsill Lokali. Wara li ħareġ dan l-avviż, kienet saret petizzjoni mir-residenti u ntbagħtet lill-Kunsill, lill-Ministeru għal Għawdex kif ukoll Kastilja sabiex fil-bajja tal-Qbajjar taħt Triq il-Batterija kif ukoll f'dik tax-Xwejni ma jkunux jistgħu jgħumu klieb. Dakinhar il-Kunsill kien iddeċieda sabiex ma jsirx għawm tal-klieb f'dawn l-inħawi u kien għamel tabelli biex ma jgħumux klieb fil-bajja tal-Qbajjar, taħt Triq il-Batterija ħdejn il-pitch tal-boċċi u fil-bajja tax-Xwejni. Il-membri sostnew il-pożizzjoni tagħhom u ġie deċiż li jsiru t-tabelli jekk m'għadhomx hemm.

52.7.45 Ilment 46/2018 – M. Cefai
Jitlob biex jitneħħew it-tabelli 'No Dogs Allowed' mill-bajja tax-Xwejni u minn taħt Triq il-Batterija jew inkella tiġi rranġata l-informazzjoni fuq il-website tal-Gvern. Is-Sindku wieġeb li fi żmien is-Segretarju Parlamentari Rodrick Galdes, kien ħareġ avviż mingħajr ma kkonsulta xejn mal-Kunsill Lokali. Wara li ħareġ dan l-avviż, kienet saret petizzjoni mir-residenti u ntbagħtet lill-Kunsill, lill-Ministeru għal Għawdex kif ukoll Kastilja sabiex fil-bajja tal-Qbajjar taħt Triq il-Batterija kif ukoll f'dik tax-Xwejni ma jkunux jistgħu jgħumu klieb. Dakinhar il-

Kunsill kien iddeċieda sabiex ma jsirx għawm tal-klieb f'dawn l-inħawi u kien għamel tabelli biex ma jgħumux klieb fil-bajja tal-Qbajjar, taħt Triq il-Batterija ħdejn il-pitch tal-boċċi u fil-bajja tax-Xwejni. Il-membri sostnew il-pożizzjoni tagħhom u ġie deċiż li jsiru t-tabelli jekk m'għadhomx hemm.

**52.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;**

52.8.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM 39/2018 tal-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill wara li kienu ċċirkolati minn qabel.

**52.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

52.9.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 37/2018 għall-perjodu bejn is-6 ta' Lulju 2018 u it-23 t'Awwissu 2018 li tammonta għal €61,811.50 kienet approvata u ffirmata.

**52.10 Mozzjonijiet;**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**52.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 26 ta' Settembru 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 26 ta' Settembru 2018.

*Iffirmata*
**Nicky Saliba**
Sindku

*Iffirmata*
**Ryan Debrincat**
Segretarju Eżekuttiv